MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 242/2004

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Kurt Galea Pace u martu Gloria Zarb Cousin gia Galea Pace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija erbgha u hamsin liri maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm21,754.33) rapperzentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita' ta' "overdraft" u "current

account” moghti lilhom mill-Lombard Bank Malta p.l.c., bl-interessi kkalkolati sal-erbgha (4) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004), skond “statements” hawn anness u mmarkati Dok “A” u Dok “B” oltre l-imghaxijiet ulterjuri mil-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

U peress illi ghalkemm interpellati anke ufficjalment sabiex ihallsu skond kopja legali tal-ittra ufficjali li ggib id-data tas-sebgha (7) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) hawn annessa u mmarkata Dok “C” il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

tikkundannahom in solidum sabiex ihallsu s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf seba’ mija erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm21,754.33) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita’ ta’ “overdraft” u “current account” moghti lilhom mill-Lombard Bank Malta p.l.c, bl-interessi kkalkolati sal-erbgha (4) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) skond “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “A” u Dok “B” oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa (5) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-7 ta’ Jannar 2003, tal-mandati ta’ qbid u sekwestru kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma din il-kawza, u bl-imghaxijiet ulterjuri mil-5 ta’ Marzu, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat li l-konvenuti naqsu li jidhru u naqsu li jippresentaw in-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti in solidum sabiex ihallsu s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija erbgha u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmi (Lm21,754.33) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita' ta' "overdraft" u "current account" koncessi lilhom mill-bank attur bl-interessi kkalkolati sal-4 ta' Marzu 2004 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-5 ta' Marzu 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------